# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 97/2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarquin Vella**

Illum, 25 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 405690M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' April, 2018 f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jaghti lil Roxanne Brignoli, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2019 li biha, wara

ammissjoni, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni w kkundannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2019, li bih talab lil din il-Qorti **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza li sabet lill-appellant hati u **thassar u tirrevoka** dik l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tieghu u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Fi kliem iehor l-appellant talab **it-tibdil** tas-sentenza appellata;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata f'dak li tirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti li skond hu hi wahda esagerata ghaliex r-raguni li naqas milli jhallas il-manteniment in kwistjoni kien dovut ghac-cirkostanzi li ghaddej minnhom. Jghid ukoll illi issa sab impjieg u jista' jonora l-obbligi tieghu, haga li ma jkunx jista' jaghmel f'kaz li jkun detenut;
2. Illi fil-mori tad-differiment, l-imputat u ll-parte civili intavolaw nota konguntiva li biha infurmaw lill-Qorti illi huwa ssalda d-debitu tieghu konsistenti f'manteniment dovut ghat-trobbija ta' bintu;

3. Illi ghalkemm il-principju regolanti appelli dwar piena wara ammissjoni hu li din il-Qorti, normalment, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-erogazzjoni tal-piena, sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik kominata, f'dan il-kaz hawn cirkostanza fejn il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel eccezzjoni. Dan ghaliex meta wiehed iqis li l-iskop ewlieni tal-legislatur fl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, igifieri li jezercita pressjoni sabiex ikunu obduti l-ordnijiet tal-Qorti jew dawk kontrattwali fil-manteniment tal-ulied jew tal-parti, intlahaq f'dan il-kaz proprju billi l-appellant skonta dan l-oneru;

4. Illi ghalhekk tilqa' t-talba, anke jekk mhux ghar-ragunijiet proposti mill-appellant, u konsegwentement tibdel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-twiddiba.